# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 1896/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Annunziato Gatt**

Illum 20 ta' Ġunju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Annunziato Gatt**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 383054(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-18 ta' Diċembru 2023 għall-ħabta ta' 00:08hrs ġewwa Triq Villabete, Ħaż-Żabbar, bħala sid tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IAG 475:

1. saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IAG 475 mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq;

2. kellu vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni IAG 475 fit-triq, kemm ipparkjata, kemm qed tintuża mingħajr ma kellha liċenzja maħruġa mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta u naqas li jġeddidha kull sena;

3. bħala sid tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IAG 475 naqas li jara li jkollha dejjem u f'kull żmien liċenzja ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta;

4. saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IAG 475 mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' April 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolamenti 13(2) u 14(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal ħlas ta' multa komplessiva ta' elfejn u erba' mitt Euro (€2,400). Il-Qorti skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sitt (6) xhur li kellu jibda għaddej minn dakinhar li ngħatat is-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-22 ta' April 2024 fejn filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-12 ta' April 2024 talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma, tvarja u tibdel is-sentenza appellata u dan billi tħassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza li fiha l-esponent instab ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u kkundannat għal multa ta' elfejn u erba' mitt Euro (€2,400) u sospensjoni tal-liċenzji kollha tas-sewqan għal perjodu ta' sitt (6) xhur u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena jew, alternattivament tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena fejn tapplika sospensjoni tal-*

*liċenzja tas-sewqan għal perjodu aktar proporzjonat considerando ċ-ċirkustanzi redatti fl-aħħar aggravju."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fl-20 ta' Mejju 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-12 ta' April 2024.

Illi fir-Rikors tal-Appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti tilliberah minn kull ħtija u piena jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena fejn tapplika sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għal perjodu iktar proporzjonat.

Illi l-fatti tal-każ huma relattivament sempliċi b'dana illi f'Diċembru 2023 waqt li l-Pulizija kienu qed jagħmlu *road checks* fi Triq Villabate, Ħaż-Żabbar, huma identifikaw vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IAG 475 liema vettura kienet allegatament bil-liċenzja skaduta u s-sewwieq allegatament kien qed isuq mingħajr assigurazzjoni valida.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu hija tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Manuel Xuereb** (Numru 10/2023) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xhieda jixhdu quddiemha – ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita' li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.
>
> Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għal dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha."

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant huwa msejjaħ hekk: *"Apprezzament żbaljat tal-provi prodotti."* Għandu jingħad li dan l-aggravju huwa maqsum fi tnejn, ossia fis-segwenti:

- "Id-data tal-affidavit ta' PC 200 Bjorn Delia ma taqbilx mad-data tal-akkuża";
- "L-awtorizzazzjoni (*Warrant*) tal-kontroll fit-toroq ma hijiex skond il-liġi."

*"<u>Id-data tal-affidavit ta' PC 200 Bjorn Delia ma taqbilx mad-data tal-akkuża</u>"*:

Illi taħt din il-parti tal-ewwel aggravju l-appellant jgħid li l-unika prova diretta dwar il-każ huwa l-affidavit ta' PC 200 B. Delia. Huwa jiċċita minn dan l-affidavit u jisħaq li l-kuntistabbli in kwistjoni ndika li l-kontroll fit-toroq seħħ fil-lejl ta' bejn it-18 u d-19 ta' Diċembru 2023. Jgħid li dan ma huwiex rifless fiċ-ċitazzjoni u jargumenta li dan huwa hekk peress li ċ-ċitazzjoni tagħmel riferenza għal *"18 ta' Diċembru, 2023 għall-ħabta ta' 00:08hrs"* u mhux għad-19 ta' Diċembru 2023.

Illi l-appellant jispjega li għalhekk il-prova ewlenija hija kunfliġġenti. Huwa jagħmel riferenza għas-sentenza appellata u jgħid li hija straħet fuq ir-rapport tal-Pulizija (*a fol.* 13 *et seq.*) u li dan ma ġiex ippreżentat bil-ġurament *seduta stante* u lanqas permezz ta' affidavit ta' min hejjieh *ossia* PC 301 Warren Vella.

Illi l-appellant jilmenta wkoll dwar id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-Prosekuzzjoni fejn jispjega li tali dokumenti għandhom l-istess difett u ċioè d-dokument li timla l-Pulizija fil-kontroll tat-toroq ma ġiex ikkonfermat bil-ġurament minn ebda wieħed mill-Pulizija indikati fuq l-istess dokument. Jirreferi għal *warrant* u jgħid li l-unika data hija t-timbru tal-iSpettur tas-6 ta' Diċembru 2023 u r-ritratti li ttieħdu fuq il-post iżda meta fl-affidavit tiegħu l-kuntistabbli jirreferi għar-ritratti ma jindikax id-data. Jispiċċa billi jgħid li l-unika dokumenti li setgħu jsolvu l-kunflitt kienu r-rapport tal-Pulizija u d-dokumenti fejn hemm imniżżla l-vetturi li twaqqfu u li dawn it-tnejn ma ġewx ikkonfermati bil-ġurament tal-awturi tagħhom.

Illi dwar id-data, fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qalet hekk (*a fol.* 33):

> "Id-difiża sostniet li l-allegat każ seħħ fid-dsatax (19) ta' Diċembru 2023 u mhux fit-tmintax (18) ta' Diċembru kif indikat fl-akkuża.
>
> Id-difiża m'għandhiex raġun f'dan ir-rigward. Dan għaliex mill-okkorrenza relattiva għal dan il-każ esebita u markata bħala Dokument Ċ jirriżulta biċ-ċar li r-*road*

*check* bdiet fil-għaxra u nofs ta' bil-lejl (22.30hrs) tas-sbatax (17) ta' Diċembru 2023 u baqgħet għaddejja sas-siegħa u nofs ta' filgħodu tal-għada (01.30hrs) meta allura l-ġurnata ġia kienet qalbet għat-tmintax (18) ta' Diċembru 2023. L-akkużat ġie mwaqqaf f'nofs il-lejl u tmien minuti (00:08hrs) u allura ġie mwaqqaf propju fil-ġurnata tat-tmintax (18) ta' Dicembru. Dan huwa konfermat kemm mill-*update* ta' PC 200 B. Delia fl-okkorrenza kif wkoll mill-affidavit tal-istess PC 200 Delia. Ir-riferenza għall-ġurnata tat-tmintax (18) ta' Diċembru 2023 indikata fl-affidavit ta' PC 200 B. Delia qed tirreferi għall-ġurnata proprja meta twaqqaf l-akkużat bil-vettura tiegħu. Peress li huwa twaqqaf wara nofs il-lejl u r-*road check* kien beda fil-ġurnata ta' qabel, PC 200 B. Delia kien korrett li jgħid li l-każ seħħ fit-tmintax (18) ta' Diċembru 2023. PC 200 B. Delia seta' possibiliment kien aktar ċar fis-sens li r-*road check* kien beda fis-sbatax (17) ta' Diċembru 2023 – però b'daqshekk ma jfissirx li dan l-affidavit għandu jiġi skartat għax mhux korrett. Huwa ċar għal din il-Qorti li l-akkuża kif formulata hija korretta għaliex il-każ mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ fit-tmintax (18) ta' Diċembru 2023. Għalhekk din l-eċċezzioni tad-difiża qiegħda tiġi miċħuda."

Illi din il-Qorti hija marbuta ma' dak li hemm imniżżel fiċ-ċitazzjoni *ossia* fejn l-appellant allura imputat ġie akkużat *"talli fit-18 ta' Diċembru, 2023 għall-ħabta ta' 00:08 hrs"* u xejn aktar.

Illi jkun opportun li ssir riferenza għas-sentenza mogħtija fil-15 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Zammit** (Numru 374/2022) fejn dwar kunflitt ta' provi din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In oltre kif ġie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Thorne**,[1] mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal għall-konklużjoni tagħha.
>
> F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-**verita' storika**; u dan peress li l-evidenza li tinġieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċioè l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta."

Illi din il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Iċ-ċitazzjoni (*a fol.* 1) li fiha hemm imniżżla l-imputazzjonijiet li bihom l-appellant allura imputat ġie akkużat tagħmel riferenza għal:

  *"18 ta' Diċembru, 2023 għall-ħabta ta' 00.08hrs".*

- Fl-affidavit tiegħu (*a fol.* 4), PC 200 B. Delia jgħid hekk:

  *"Nhar 18/12/2023 waqt li kont qiegħed nagħmel road checks skont l-Artikolu 355 u Artikolu 355A tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta bejn 22.30hrs u 01.30hrs fi Triq Villa Abate, Ħaż-Żabbar.*

[1] "Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono."

*Għal ħabta ta' 00.08am vettura bin-numru IAG 475 ta' l-għamla Toyota Hilux ta' kulur aħmar ġie mwaqqaf u ġie nnutat li kellu l-liċenzja ta' mal-windcreen skaduta minn Settembru 23."*

- Ir-rapport tal-Pulizija (*a fol.* 13 *et seq.*) jagħmel riferenza għad-dati tal-akkadut bħala "17/12/2023" u "18/12/2023".

- Id-dokument (*a fol.* 18) fejn hemm imniżżla l-vetturi li twaqqfu fir-*road checks* jibda hekk: *"Today 18/12/23 at 22.30hrs, road checks were carried out by [...]".* B'hekk dan id-dokument jagħmel riferenza għad-data ta' 18 ta' Diċembru 2023 fl-22.30hrs bħala d-data u l-ħin fejn saru r-*road checks* fuq il-vetturi hemm indikati (fejn fosthom hemm dik indikata fiċ-ċitazzjoni ossia vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IAG 475). Fih hemm imniżżel ukoll li wieħed mill-Pulizija li għamel ir-*road checks* kien PC 200.

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-26 ta' April 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Fr. Michael Camilleri et** (Numru 440/2017) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi fis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Mary Briffa**, li kienet titratta dwar il-partikularitajiet taż-żmien fiċ-ċitazzjoni, fejn l-appellant f'dik il-kawża ġie akkużat b'reati li allegatament seħħew "għall-ħabta tas-7.30p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw inċident li seħħ "għall-ħabta tas-7.30 a.m.", intqal li:
>
> *"L-imputazzjoni għalhekk kif impostata qed tirreferi għal xi ħaġa li allegatament grat tnax-il siegħa wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant ħati. Mill-provi ma jirriżultax li gara xi inċident fil-ħin indikat fl-imputazzjoni u għalhekk l-appellant ma setax jinsab ħati kif fil-fatt insab. ..... Il-Prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien żball*

*dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-Prosekuzzjoni kellha tieħu ħsieb tagħmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament."*

Illi dan l-istess prinċipju ġie riaffermat minn din l-istess Qorti f'diversi kawżi oħra inkluż dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Warren Piscopo** u **Il-Pulizija vs. Rita Theuma**, it-tnejn deċiżi fid-19 ta' Ottubru 2011.[2] Dan għaliex il-Qorti qatt ma tista' issib ħtija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun seħħ mhux biss fi żmien ieħor, iżda ukoll f'xi post ieħor mhux dak indikat fl-akkuża, ċirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-każ imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan għaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif għandha tiġi redatta iċ-ċitazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet meħtieġa sabiex il-persuna mħarrka tkun tista' tħejji d-difiża tagħha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lilha f'dik iċ-ċitazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu ġew indikati ħażin, allura l-binarji ta' l-azzjoni ma ikunux ġew definiti jew ikunu ġew definiti ħażin."

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat, hija tinnota li mill-atti proċesswali hemm kunflitt dwar id-data u l-ħin tal-akkadut u dana fid-dawl ta' dak li ġie mniżżel aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Għal kull buon fini jingħad li anke l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qalet li PC 200 B. Delia *"seta' possibbilment kien aktar ċar"* meta seħħ ir-*road check.* Dak li jwaqqaf lil din il-Qorti milli taqbel mal-Ewwel Qorti meta ċaħdet l-eċċezzjoni tad-difiża li ġiet kwotata aktar 'il fuq f'din is-sentenza huwa l-fatt li, kif diġà ngħad, id-dokument (*a fol.* 18) fejn hemm imniżżla l-vetturi li twaqqfu fir-*road checks* jagħmel riferenza għad-data ta' 18 ta' Diċembru 2023 fl-22.30hrs li jagħti x'jifhem li r-*road check* kien sar fil-lejl ta' bejn it-18 ta' Diċembru 2023 u d-19 ta' Diċembru 2023 u mhux kif tgħid l-Ewwel Qorti li r-*road check* kien beda fis-17 ta' Diċembru 2023.

[2] "Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Ramon Mifsud Grech et** – 23/04/2012 (Qorti tal-Maġistrati)."

B'hekk isegwi li din il-Qorti ser tilqa' l-ewwel argument tal-ewwel aggravju tal-appellant minħabba r-raġunijiet hawn fuq imsemmija u għaldaqstant ma hemmx il-ħtieġa li din il-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-bqija li ġie mqajjem mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu u dana peress li jsegwi li din il-Qorti ser ikollha tillibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet li huwa nstab ħati tagħhom mill-Ewwel Qorti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Annunziato Gatt, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**